31994R1431

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KEE) Nru 1431/94

tat-22 ta' Ġunju 1994

li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġu applikati, fis-settur tal-laħam tat-tjur, l-arranġamenti tal-importazzjonijiet ipprovvduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) No 774/94 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa tal-Komunità għal-laħam tat-tjur u ċerti prodotti oħra agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 tad-29 ta' Marzu 1994 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċeri kwoti tat-tariffa Komunitarja għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja, u għall-laħam tal-majjal, il-laħam tat-tjur, il-qamħ u l-maħlut, u tipi tan-nuħħala, il-frak iebes tal-qamħ u fdalijiet oħra [1], u b'mod partikolari Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tat-tjur [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni KEE) Nru 1574/93 [3], u b'mod partikolari Artikolu 15 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 fetaħ, mill-1 ta' Jannar 1994, kwoti ġodda ta' kull sena tat-tariffa għal ċerti prodotti mit-tjur; billi l-kwoti msemmija għandhom japplikaw għal żmien mhux speċifikat;

Billi l-amministrazzjoni tal-arranġamenti għandha tkun imsejsa fuq il-liċenzji tal-importazzjoni; billi, għal dan il-għan, għandhom jiġu stabbiliti r-regoli dettaljati biex jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet u l-informazzjoni li għandha tidher fuq l-applikazzjonijiet u l-liċenzji, bħala deroga minn Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 tas-16 ta' Novembru 1988 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni sabiex tiġi applikata s-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni u ċ-ċertifikati ffissati bil-quddiem għall-prodotti agrikoli [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3519/93 [5]; billi, b'żieda ma' dan, għandhom isiru diposizzjonijiet għal-liċenzji li jridu jinħarġu wara żmien ta' konsiderazzjoni, li japplika, fejn meħtieġ, perċentwal wieħed ta' aċċettazzjoni; billi huwa fl-interess tal-importaturi u l-esportaturi li jiġi permess illi tiġi rtirata l-applikazzjoni wara li jkun ġie ffissat il-koeffiċjent tal-aċċettazzjoni;

Billi r-Regolament (KE) Nru 774/94 jipprovdi li jiġi ffissat impost ta' 0 % għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti mit-tjur, sa ċerta kwantità; billi, sabiex tiġi żgurata r-regolarità tal-importazzjonijiet, il-kwantità fil-kwistjoni għandha tiġi mqassma fuq sena waħda;

Billi, sabiex jiġi żgurat illi dawn il-kwantitajiet jiġu wżati skond ix-xejra tal-importazzjoni tradizzjonali fis-suq tal-Komunità, għandhom jiġu mqassma skond l-oriġini tal-importazzjoni fuq il-bażi tal-importazzjonijiet matul l-aħħar tliet snin;

Billi, sabiex tiġi żgurata l-amministrazzjoni xierqa tas-sistema, il-garanzija għal-liċenzji tal-importazzjoni skond is-sistema msemmija għandhom ikunu ffissati għal 50 ECU għal kull 100 kilogramm; billi, minħabba r-riskju tal-ispekulazzjoni li teżisti fis-sistema fis-settur tal-laħam tat-tjur, għandhom jiġu stabbiliti kondizzjonijiet eżatti li jirregolaw l-aċċess tan-negozjani għas-sistema msemmija;

Billi l-Kumitat Maniġerjali tal-Laħam tat-Tjur u tal-Bajd ma tax opinjoni fiż-żmien mogħti lilu mill-President tiegħu,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-importazzjoni kollha fil-Komunità skond il-kwoti tat-tariffa kif miftuħa f'Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 774/94 rigward il-prodotti fil-gruppi riferiti f'Anness I ma' dan ir-Regolament għandha tkun bla ħsara għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni.

Il-kwantitajiet tal-prodotti li għalihom japplikaw dawn l-arranġamenti u r-rata tat-tnaqqis fl-impost għandhom ikunu dawk elenkati għal kull wieħed mill-gruppi f'Anness I.

Artikolu 2

Il-kwantità ffissata għal kull wieħed mill-gruppi għandha titqassam matul is-sena kif ġej:

Għas-sena 1994:

— 50 % fil-perjodu taż-żmien mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Settembru,

— 50 % fil-perjodu taż-żmien mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru.

Għas-snin ta' wara:

— 25 % fil-perjodu taż-żmien mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu,

— 25 % fil-perjodu taż-żmien mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju,

---

[1] ĠU L 91, tat-8.4.1994, p. 1.
[2] ĠU L 282, tal-1.11.1975, p. 77.
[3] ĠU L 152, tal-24.6.1993, p. 1.
[4] ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
[5] ĠU L 320, tat-22.12.1993, p. 16.

— 25 % fil-perjodu taż-żmien mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru,

— 25 % fil-perjodu taż-żmien mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru.

Artikolu 3

Il-liċenzji tal-importazzjoni riferiti f'Artikolu 1 għandhom ikunu bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-applikanti għal-liċenzji tal-importazzjoni jridu jkunu persuni naturali jew legali li, fiż-żmien li jiġu ssottomessi l-applikazzjonijiet, ikunu jistgħu jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri illi jkunu importaw jew esportaw mhux anqas minn 25 tunnellata metrika (piż tal-prodott) tal-prodotti li jidħlu fl-iskop tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75 fis-sena 1992 kif ukoll fis-sena 1993. Iżda, l-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut jew ir-ristoranti li jbiegħu l-prodotti tagħhom lill-aħħar konsumatur huma esklużi mill-benefiċċji ta' dan ir-reġim.

(b) l-applikazzjonijiet għall-liċenzji ma jridux jinvolvu iżjed minn wieħed mill-gruppi riferiti f'Anness I ma' dan ir-Regolament. Jistgħu jinvolvu prodotti diversi koperti b'kodiċijiet differenti tan-NM; f'dawn il-każi, il-kodiċijiet kollha tan-NM għandhom ikunu indikati fit-Taqsima 16 u d-deskrizzjonijiet tagħhom fit-Taqsima 15;

L-applikazzjonijiet għall-liċenzji jrid ikollhom x'jaqsmu ma' mill-inqas tunnellata metrika u sa massimu ta' 10 % tal-kwantità disponibbli għall-grupp interessat u għall-perjodi ta-żmien speċifikati f'Artikolu 2.

(ċ) It-Taqsima 8 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzja u l-liċenzji għandhom juri l-pajjiż tal-oriġini; il-liċenzji għandhom iġorru magħhom obbligu sabiex jiġu importati mill-pajjiż indikat.

(d) It-Taqsima 20 tal-applikazzjonijiet għall-liċenzji u l-liċenzji għandhom juru wieħed minn dawn li ġejjin:

Reglamento (CE) nº 1431/94,
Forordning (EF) nr. 1431/94,
Verordnung (EG) Nr. 1431/94,
Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 1431/94,
Regulation (EC) No 1431/94,
Règlement (CE) nº 1431/94,
Regolamento (CE) n. 1431/94,
Verordening (EG) nr. 1431/94,
Regulamento (CE) n.º 1431/94

(e) It-Taqsima 24 tal-liċenzji għandha turi wieħed minn dawn li ġejjin:

Impost iffissat għal 0 % skond il-:

Reglamento (CE) nº 1431/94,
Forordning (EF) nr. 1431/94,
Verordnung (EG) Nr. 1431/94,
Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 1431/94,
Regulation (EC) No 1431/94,
Règlement (CE) nº 1431/94,
Regolamento (CE) n. 1431/94,
Verordening (EG) nr. 1431/94,
Regulamento (CE) n.º 1431/94.

Artikolu 4

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji jistgħu jiġu ddepożitati biss matul l-ewwel għaxart ijiem ta' kull wieħed mill-perjodi taż-żmien speċifikati f'Artikolu 2.

Madankollu, għall-perjodu taż-żmien mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Settembru 1994 l-applikazzjonijiet għall-liċenzja jistgħu jiġu despożitati biss matul l-ewwel għaxart ijiem ta' Lulju 1994.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzja jistgħu jiġu aċċettati biss meta l-applikant jiddikjara bil-miktub illi ma kienx issottometta minnhom u jintrabat li ma jissottometti l-ebda applikazzjoni, matul il-perjodu taż-żmien korrenti, li tirrigwarda prodotti fl-istess grupp fl-Istat Membru li għandu tkun iddepożitata l-applikazzjoni tiegħu jew fi Stat Membru ieħor; meta applikant jissottometti aktar minn applikazzjoni waħda għall-prodotti fl-istess grupp, l-applikazzjonijiet kollha minn din il-persuna ma għandhomx jiġu aċċettati.

Madankollu, fil-każ tal-gruppi 3 u 5, kull wieħed mill-applikanti jista' jissottometti iktar minn applikazzjoni waħda għall-liċenzji tal-importazzjoni għall-prodotti fi grupp wieħed, meta dawn il-prodotti joriġinaw f'aktar minn pajjiż wieħed. Iridu jiġu ssottomessi applikazzjonijiet separati għal kull wieħed mill-pajjiżi tal-oriġini simultanjament lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati, rigward il-massimu riferit f'Artikolu 3(b) kif ukoll l-applikazzjoni tar-regola fis-subparagrafu ta' qabel, bħala applikazzjoni waħda.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, fil-ħames jum tax-xogħol li jiġi wara t-tmiem tal-għeluq tal-perjodu taż-żmien tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, dwar l-applikazzjonijiet iddepożitati għal kull wieħed mill-prodotti fil-grupp fil-kwistjoni. Din in-notifika għandha tinkludi lista tal-applikanti u dikjarazzjoni dwar il-kwantitajiet applikati għalihom fil-grupp.

In-notifiki kollha, inkluża n-notifika li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni, għandhom isiru permezz tat-telex jew tal-fax fil-jum tax-xogħol stabbilit, imfassla fuq il-mudell muri f'Anness II fil-każi fejn ma tkun saret l-ebda applikazzjoni, u fuq il-mudelli murija f'Annessi II u III fil-każijiet meta jkunu saru l-applikazzjonijiet.

4. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi malajr kemm jista' jkun safejn u sakemm jistgħu jiġu konċessi kwantitajiet rigward l-applikazzjonijiet riferiti f'Artikolu 3.

Jekk il-kwantitajiet li rigward tagħhom jkunu saru applikazzjonijiet għall-liċenzja jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli, il-Kummissjoni għandha tiffissa perċentwal waħdieni ta' aċċettazzjoni għall-kwantitajiet applikati għalihom. Meta dan il-perċentwal ikun anqas minn 5 %, ikun possibbli illi l-Kummissjoni ma tikkonċedix il-kwantitajiet applikati għalihom u tirrilaxxja l-garanziji.

In-negozjanti.jistgħu jirtiraw l-applikazzjoni tagħhom għall-liċenzja fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol wara l-pubblikazzjoni tal-perċentwal waħdieni ta' aċċettazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* jekk meta jiġi applikat dan il-perċentwal jirriżulta fil-fissar ta' kwantità anqas minn 20 tunnellata metrika, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan fi żmien ħamest ijiem wara li tkun ġiet irtirata l-applikazzjoni għal-liċenzja u għandha tirrilaxxja l-garanzija.

Il-Kummissjoni għandha tikkalkola l-kwantità li tifdal, li għandha tiżdied mal-kwantità disponibbli fil-perjodu taż-żmien tal-istess sena, u tista' tittrasferixxi kwantitajiet mhux użati bejn il-gruppi tal-istess prodott.

5. Il-liċenzji għandhom jinħarġu malajr kemm jista' jkun wara li l-Kummissjoni tkun ħadet id-deċiżjoni tagħha.

6. Il-liċenzji maħruġa għandhom ikunu validi fil-Komunità kollha.

Artikolu 5

Għall-għanijiet ta' Artikolu 21(2) tar-Regolament (KEE) Nru. 3719/88, il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu validi għal 150 jum mid-data tal-ħruġ attwali.

Madankollu, l-liċenzji ma għandhomx jibqgħu validi wara l-31 ta' Diċembru tas-sena tal-ħruġ.

Il-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa skond dan ir-Regolament ma jistgħux jiġu ttrasferiti.

Artikolu 6

Garanzija ta' 50 ECU għal kull 100 kilogramm għandha tiġi depożitata għal kull applikazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni għall-prodotti kollha riferiti f'Artikolu 1.

Artikolu 7

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, għandu japplika r-Regolament (KEE) Nru 3719/88.

Madankollu, minkejja Artikolu 8(4) ta' dan ir-Regolament, il-kwantità importata skond dan ir-Regolament ma tistax taqbeż dak muri f'Artikoli 17 u 18 tal-liċenzja tal-importazzjoni. Iċ-ċifra 0 għandha tiddaħħal kif xieraq fit-taqsima 19 tal-liċenzja.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Ġunju 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

IMPOSTA TA' 0 %

It-Tiġieġ

(tunnellati metriċi)

Il-Pajjiż	In-Numru tal-Grupp	Il-Kodiċi tan-NM	Il-Kwantitajiet annwali
Il-Brażil	1	0207 41 10 0207 41 41 0207 41 71	7 100
It-Tajlandja	2	0207 41 10 0207 41 41 0207 41 71	5 100
Oħrajn	3	0207 41 10 0207 41 41 0207 41 71	3 300

Id-Dundjani

(tunnellati metriċi)

Il-Pajjiż	In-Numru tal-Grupp	Il-Kodiċi tan-NM	Il-Kwantitajiet annwali
Il-Brażil	4	0207 42 10 0207 42 11 0207 42 71	1 800
Oħrajn	5	0207 42 10 0207 42 11 0207 42 71	700

ANNESS II

L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1431/94

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ		GD VI/D/3 — Is-Settur tat-Tjur
L-applikazzjoni għall-liċenzji tal-importazzjoni b'impost ta' 0 %	Id-Data	Il-Perjodu taż-żmien
L-Istat Membru: Min jiddispaċċja Il-Persuna tal-kuntatt: In-Nru tat-Telefon In-Nru tal-Fax		

In-Numru tal-Grupp	Il-Kodiċi tan-NM

ANNESS III

L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1431/94

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ		GD VI/D/3 — Is-Settur tat-Tjur
L-applikazzjoni għall-liċenzji tal-importazzjoni b'impost ta' 0 %	Id-Data	Il-Perjodu taż-żmien
L-Istat Membru:		

(tunnellati)

In-Numru tal-Grupp	Il-Kodiċi tan-NM	L-Applikant (l-isem u l-indirizz)	Il-Kwantità
		It-total tat-tunnellati metriċi għal kull wieħed min-numri tal-grupp	